MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 375/2006

**Carmen Debattista (I.D. 250741 M)**

**vs**

**Carmela Fenech (I.D. 189030 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-30 ta’ Novembru 2006 fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta’ elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1,700) rapprezentanti bilanc ta’ self *brevi manu* maghmul mill-attrici lill-konvenuta f’diversi okkazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 29 ta’ Awissu 2006 u bl-imghax legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmela Fenech fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi xejn ma hu dovut peress illi s-self kien thallas;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa esagerat;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi l-partijiet huma zewg nisa anzjani. L-attrici kienet ghamlet zmien issellef il-flus lill-konvenuta. Jidher illi hija xi haga regolari illi l-konvenuta tissellef il-flus tant, illi fi kliemha stess bdiet tissellef l-ewwel minghand oht l-attrici. Meta din mietet imbaghad daret fuq l-attrici u kompliet tissellef il-flus minghandha.

Il-konvenuta fix-xhieda taghha hija pjuttost neboluza u filwaqt illi tikkonferma li hija sselfet xi flus jidher illi l-ammonti illi taccetta li sselfet huma ferm izghar minn dak illi qed tallega l-attrici. Din esebit notebook fejn hemm imnizzla l-ammonti li ssellfet l-konvenuta u meta hallset. Il-konvenuta tghid illi hija qatt ma rat dak il-ktieb, ma tafx taqra u tikteb u kien mizmum esklussivament mill-attrici u ma tafx x'notamenti kienet ghamlet. L-attrici ghandha l-konfort tax-xhieda ta' Gloria Debattista li hija oht ir-ragel ta' l-attrici. Dina kienet prezenti meta f'xi okkazzjonijiet il-konvenuta sselfet tlett mitt lira u anke sitt mitt lira u rat il-flus ghaddejjin. Dawna huma vicin hafna c-cifra li qieghda titlob l-attrici. Ghalhekk ma jistax jigi eskluz illi kien hemm xi okkazzjonijiet ohra meta l-attrici sellfet flus lill-konvenuta minghajr ma kien hemm hadd prezenti. Dana tikkonfermah l-istess konvenuta. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz l-attrici ppruvat it-talba taghha. Jidhrilha illi l-komportament taghha fuq il-pedana tax-xhud kien aktar deciz, kategoriku u veritjier minn dak li ppruvat taghmel il-konvenuta li kif diga' nghad kienet pjuttost mhawwda u ppruvat tara kif taghmel biex tahrab mir-responsabbilta' taghha. F'dan il-kaz jinghad car u tond illi ma rrizultax

uzurija, anzi l-attrici tghid illi l-flus li sellfet lill-konvenuta kienu minghajr imghax u fl-ebda hin il-konvenuta ma allegat li saret xi forma ta' uzurija bil-hlasijiet illi kienet taghmel lill-attrici.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenuta li thallasha l-ammont ta' €3,959.93 (Lm1,700) rapprezentanti bilanc ta' self *brevi manu* maghmul mill-attrici lill-konvenuta f'diversi okkazzjonijiet.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------